MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

Is-7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 86/2018

27 ta' Gunju, 2018

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
James Cauchi – Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier

**ASSENTI:**
Ivan Agius – Vici-Sindku
Antonia Perini - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 86.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

86.1.1 Ma kienx hemm

### 86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

86.2.1 Il-minuti ta’ seduta numru 84 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

86.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Alison Zerafa ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b’votazzjoni unanima.

86.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

86.2.4 Il-minuti ta’ seduta numru 85 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

86.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Alison Zerafa ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Bello, il-minuti ġew approvati b’votazzjoni unanima.

86.2.6 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 86.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

86.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b’laqgha li kellha mas-sur Ryan Galea bil-ghan illi jigu mtella’ sensiela ta’ filmati ta’ madwar 30 sekonda b’messaggi edukattivi. L-istess messaggi kienu ser isiru permezz ta’ fondi li l-Kunsill Lokali ta’ Bormla kien inghata minn Wasteserv Malta Ltd.

86.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi nhar it-12 ta’ Gunju 2018, kienet iltaqghet mas-sinjura Joanna Mills u kienet iddiskutiet il-possibilita’ illi fil-lokalita’ tigi introdotta l-ideja ta’ community gardens. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi aktar dettalji dwar il-materja kienu ser ikunu qieghdin jigu diskussi aktar il-quddiem waqt l-istess seduta.

86.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar il-15 ta’ Gunju 2018, kienet inzammet laqgha’ ma individwu rigward irkupru ta’ dejn relatat ma’ kera u konsum ta’ dawl u ilma fi grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kemm il-darba ma jkunx hemm oggezzjonijiet kien ser ikun qieghed jintlehaq qbil illi l-istess individwi ihallas is-somma ta’ € 200 fix-xahar

86.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi matul Gunju 2018, kienu inzammu diversi laqghat mas-Sinjuri Pierre Bugeja u Joseph Galea bil-ghan illi jsiru l-preparamenti mehtiega ghall-Cospicua Short Play Festival. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi aktar dettalji dwar il-materja kienu ser jigu mghoddija aktar tard waqt l-istess seduta.

86.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali nhar l-20 ta' Gunju 2018 kienet inzammet laqgha mad-Direttur Generali tad-Dipartiment tax-xogholijiet rigward gnien il-kottonera. Is-Sa. Zerafa Civelli ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji dwar il-materja.

86.3.6 Is-Sindku qalet hekk kif ippjanat kienet ittellghet il-Cospicua Dock 1 V2 Powerboat Championship, liema attivita' giet meqjusa bhala success. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kienet intemmet b'success ukoll iz-zjara ta' 250 re-enactor Franciz illi matul ix-xahar ta' Gunju 2018 ghexu fil-lokalita'. Is-Sindku temmet l-intervent dwar il-materja billi rringrazzjat lil dawk involuti fil-kordinament tal-attivitajiet.

86.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu mexjin il-preparamenti sabiex jigi implimentat progett fi Grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsill Lokali bl-izviluppi li kien hemm u kif kien qieghed jippjana illi jipprocedi l-Kunsill Lokali

**86.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

86.4.1 Ma kienx hemm.

**86.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

86.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru06/18) ghall-approvazzjoni.

86.5.2 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

86.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Gunju 2018 ghall-approvazzjoni.

86.5.4 Fuq proposta tas-Sur Roferick Mamo ssekondat mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 86.6 Sejhiet ghall-offerti

86.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li l-Kunsill Lokali kien ha d-decizjoni illi jibdel numru ta' fanali f'numru ta' toroq fil-lokalita', l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali flimkien ma' persuni teknici kienu hadu hsieb jippreparaw id-dokument tas-sejha ghall-offerti, liema dokument gie mpoggi fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali ghall-evalwazzjoni. Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tas-sur James Cauchi ssekondat mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali b'mod unanimu approva d-dokument hekk kif imressaq.

86.6.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' contract manager li l-Kunsill Lokali kien ha d-decizjoni li johrog, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb illi tipprepara abbozz ta' dokument, liema abozz tpogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

## 86.7 Mozzjonijiet

86.7.1 <u>*Mozzjoni numru 06/2018*</u>

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali jimplimenta decizjoni li kien ha f'seduta nurmu 43 nhar l-4 t'Awissu 2015 u l-permess relattiv fl-interita' tieghu minn Transport Malta datat 29/09/2015, biex il-pjazza fi Triq Matty Grima ma tibqax accessibbli ghall-vetturi u allura tehel it-Tieni removable bollards fil-post indikat fil-pjanta ta' hawn taht.*

*Fl-istess waqt, apparti li l-access ghandu jinghata biss lil dawk ir-residenti li ghandhom garage fil-pjazza ghandha ssir eccezzjoni sabiex tibqa' 'r-reserved parking for blue badge holders' li saret fil-pjazza.*

Proponent : Noyah Spiteri
Sekondant : Alison Zerafa Civelli
Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 86.8 Attivitajiet

86.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li f'seduti precedenti kienet giet approvata attivita' b'kollaborazzjoni ma' TVM sports, nhar it-2 ta' Lulju 2018 kienet ser tigi mxandra fi Pjazza Santa Margerita loghba mill-FIFA World Cup 2018. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi apparti l-loghba kien ser ikun hemm

divertiment ghall-familji u stiednet lill-Kunsilliera prezenti sabiex ikunu prezenti ghall-attivita'.

86.8.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu mexjin b'ritmu mghaggel il-preparamenti ghall-Cospicua Short Play Festival. Is-Sa. Zerafa Civelli tat rendikont ta' dak li kien sehh sal-gurnata u l-pjan li kien gie mfassal ghall-gimghat segwenti bil-ghan illi l-attivita' tkun wahda ta' success.

86.8.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qieghda tiehu hsieb illi jingabru l-istimi ghall-attivita' Diamonds of Fire 2018 li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana illi jtella' matul Dicembru 2018. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, kienet ser tkun qieghda zzomm lill-Kunsill Lokali aggornat bi zviluppi li seta' jkun hemm.

86.8.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'talba ghal permess li l-Kunsill Lokali intalab johrog ghal attivita' li kien qieghed jigi ppjanat illi tittella' fi Triq Santa Tereza (fuq il-klabb tar-regatta). Wara li inghataw dettalji dwar l-attivita', il-Kunsill Lokali b'mod unanimu qabel illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni.

86.8.5 Is-Sindku qalet illi l-Kunsill Lokali kien ircieva proposta mill-Banda San Gorg sabiex tittella' attivita' fl-okkazjoni ta' Jum Bormla 2018. L-attivita' kienet tikkonsisti f'kuncert muzikali mill-istess banda, liema kuncert kellu jikkumplimenta c-cerimonja ufficjali li kien itella' l-Kunsill Lokali

F'dan l-istadju, filwaqt li ddikjara kunflitt ta' interess il-Kunsillier Pablo Cachia Belli hareg mill-kamra tas-seduta (7:00p.m.).

86.8.6 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi ghas-sena 2018, kemm minhabba ragunijiet finanzjarji, kif ukoll ghal ragunijiet logistici, il-Kunsill Lokali ma kellux jorganizza l-kuncert propost. Madanakollu, gie deciz illi f'Jum Bormla 2018, kemm il-darba ikun possibbli, kellu jkun hemm l-involviment tal-Banda San Gorg.

F'dan l-istadju il-Kunsillier Pablo Cachia Belli dahal lura ghas-seduta ( 7:10p.m.).

## 86.9 Korsijiet edukattivi

86.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara laqgha li kellha mal-arcipriet tal-lokalita' u diversi persuni ohra, kien qieghed jigi propost illi l-Kunsill Lokali itella' kors baziku fil-lingwa Maltija ghal dawk li ma jkunux mill-pajjiz. Is-Sindku ziedet

tghid illi kemm il-darba ma jkunx hemm oggezzjoni mill-Kunsill Lokali, kienu ser ikunu qieghdin jinksibu stimi sabiex il-Kunsill Lokali ikun f'pozizzjoni li jevalwa jekk kellux itella' l-korsijiet

86.9.2 Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq is-suggeriment tas-Sindku.

**86.10 Tismija ta' toroq**

86.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li fl-ahhar seduta kien gie deciz illi l-Kunsilliera kellhom jibghatu l-proposti taghhom ghal tismija ta' toroq fiz-zona ta' fuq San Pawl, ma kienu waslu ebda suggerimenti. Is-Sa. Zerafa ziedet tghid illi ghaldaqstant fl-opinjoni taghha, il-Kunsill Lokali kelli jiddiskuti u jiddeciedi l-ismijiet bil-ghan illi l-amministrazzjoni tkun tista' tibda' l-process ghat-tismija tat-toroq il-godda. Gie deciz illi kellhom jissemmew toroq ghas-sinjuri Pawlu Muscat, Joseph Carbonaro, Saviour Psaila u Dun Victor Cilia. Kellu jkun hemm kuntatt rigward isem ta' individwu iehor ghat-tismija tal-hames triq.

**86.11 Publikazzjoni tal-Kunsill Lokali**

86.11.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' publikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jistampa u jqassam fir-residenzi tal-lokalita'. Wara li inqraw id-dettalji ta' dak li kien qieghed jigi propost li jigi stampat, bi qbil unanimu il-Kunsill Lokali approva d-dokument hekk kif propost.

**86.12 Rapporti**

86.12.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Kien hemm qbil fil-principju ma' proposta li l-Kunsill Lokali ircieva minghand is-Sinjuri Joanne Mills u Melina Scodanibbio, liema proposta kienet tikkoncerna gnien ghall-komunita' fil-lokalita'.
- Permezz ta' cirkulari numru 75 tal-2018, l-Assocjazzjoni ghall-Kunsill Lokali hegget lill-Kunsilli Lokali sabiex jibda' jingabar materjal fabbriku mil-lokalitajiet rispettivi ma' kumpanija specifika. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi bid-diskussjonijiet mal-kumpanija in-kwistjoni hekk kif deciz f'seduti precedenti
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien ghamel l-arrangamenti mehtiega sabiex Green MT toffri s-servizz ta' gbir ta' skart riciklabbli mil-lokalita' sa tmiem Lulju 2018. Struzzjonijiet

ulterjuri kellhom jaslu aktar tard.

- Il-Kunsill Lokali gie illi t-talba sabiex jitwahhal apparat zghir fuq l-ghassa tal-lokalita' ma kenitx giet milqugha minhabba ragunijiet ta' sigurta'.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat pil-progett Mobilitas li permezz tieghu kien ser ikun qieghed isiru studju fil-lokalita' rigward it-traffiku li jghaddi minn Bormla.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' proposta li kienet waslet minghand il-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, u t-tibdil fil-klima ghal laqgha ghar-residenti rigward *animal promotion awareness.*
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'email li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward SPI03/2018.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'petizzjoni li kienet waslet rigward allegat inkonvenjent li kien inqala' b'konnessjoni ma' attivita' li kienet ittellghet f'bacir numru 1. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi minhabba l-fatt l-mod ta' kief kienet ifformulata l-petizzjoni, din ma setghetx titqies bhala legalment valida. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fl-istess waqt kien gie stabbilit illi l-allegati inkonvenjenti ma kienux sehhu.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi ma kellha tinsab ebda oggezzjoni ghal talba li kienet waslet minghand il-Cospicua Boating Group sabiex f'kazi li jkun mehtieg jinfethu bollards li kien hemm biswit il-klabb tar-regatta bil-ghan li jsir hatt u taghbija ta' materjal minn fuq opri tal-bahar marbuta fl-istess zona.
- Wara li gew evalwati stimi li kienu nkisbu ghax-xiri ta' kotba ghal-librerija tal-lokalita', kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri numru ta' kotba minghand Miller Distributors Ltd. ghal spiza ta' €217.30

**86.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

86.13.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-7:45 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 1 ta' Awissu 2018 fis-5:30p.m.

Konfermati, illum ________________________________

__________________ ______________________

**Alison Zerafa Civelli** **Duncan Hall**

Sindku Segretarju Eżekuttiv